

Brussell, 15 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8468/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0095 (NLE)**

**JAI 522
COPEN 103
EPPO 6
GAF 10**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2023/133 fir-rigward tas-sostituzzjoni ta' membru tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 - Adozzjoni

1. Skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-bord tal-għażla tal-UPPE għandu jinkludi 12-il persuna magħżula minn fost eks membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Awdituri, eks membri nazzjonali tal-Eurojust, membri tal-qrati supremi nazzjonali, prosekuturi ta' livell għoli u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Il-membri tal-bord tal-għażla attwali tal-UPPE nħatru bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 tas-17 ta' Jannar 2023¹. Membru wieħed tal-bord tal-għażla ġie sostitwit f'Ġunju 2024 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1777².

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 tas-17 ta' Jannar 2023 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 (ĠU L 17, 19.1.2023, p. 90-91, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/133/oj>)

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1777 tal-20 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 fir-rigward tas-sostituzzjoni ta' membru tal-bord tal-għażla (ĠU L, 2024/1777, 24.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1777/oj>).

2. Bħalma ġieli ġara, waħda mill-membri tal-bord tal-ġhażla attwali tal-UPPE rriżenjat u jeħtieġ li tiġi sostitwita sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tal-bord. Fis-23 ta' April 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2023/133 li taħtar il-membri tal-bord tal-ġhażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Il-proposta tissuġġerixxi l-ħatra tas-Sa Johanna Hervonen, Kap Prosekutur għad-Distrett tal-Prosekuzzjoni tan-Nofsinhar tal-Finlandja, bħala membru tal-bord tal-ġhażla tal-UPPE biex tissostitwixxi lill-membri li rriżenjat, is-Sa Tuire Tamminiemi.
3. Wara konsultazzjoni informali bil-miktub dwar il-proposta, intlaħaq qbil fil-livell tekniku.
4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 8467/25.
